# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## Illum, il-Hamis 5 ta' Lulju, 2001

**Kawza Nru. 22.**
**Citazz. Nru. 2512/00 JRM**

**Paul TANTI u Mary TANTI**

**vs**

**Herman BRUNO u Doris BRUNO**

## Il-Qorti,

Rat l-Att tac-Citazzjoni mressaq fis-27 ta' Novembru, 2000, li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-konvenuti huma debituri lejn l-attur fis-somma ta’ elf u mitejn lira (Lm1200.00) liema somma hija dovuta bhala bilanc ta’ prezz ta’ xogholijiet maghmula minn l-atturi stess;

Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu din is-somma fuq imsemmija pero’ baqghu nadempjenti;

Ghalhekk l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont ta’ elf u mitejn lira (Lm1200.00) liema somma hija dovuta skond il-premessi;

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-atturi, flimkien mad-dokument mehmuz maghha;

Rat in-Nota tal-imharrkin mizzewgin Bruno mressqa fl-1 ta’ Frar, 2001, li biha huma eccepew:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni hija preskritta a tenur ta’ Artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-konvenuti ma ghandhom jaghtu xejn lill-atturi stante li xoghlijiet li kien imqabbad jaghmel l-attur ma gewx ezegwiti kollha u minn dak ix-xoghol li sar mill-istess attur uhud minnu thallas tieghu filwaqt li xoghol iehor ma sarx skond is-sengha u l-arti kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. F’dan ir-rigward l-istess attur ikkawza danni lill-istess konvenuti u ghalhekk izommu ferm azzjoni ulterjrui kontra tieghu;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-attur huwa eccessiv u ghalhekk ferm inqas minn dak allegat;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imharrkin mizzewgin Bruno;

Semghet ix-xhieda tal-imharrek Herman Bruno;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat id-Degrieti taghha tal-5 t'April, 2001, u tal-31 ta' Mejju, 2001, li bihom halliet il-kawza ghad-decizjoni dwar l- eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici bl-gheluq taz-zmien ta' tmintax-il (18) xahar;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-atturi qeghdin ifittxu lill-imharrkin ghall-hlas ta' bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet maghmulin mill-atturi nfushom. La l-Att tac-Citazzjoni u lanqas id-Dikjarazzjoni ma jsemmu fiex kienu jikkonsistu dawn ix-xoghlijiet; filwaqt li l-kopja tad-dokument datat 5 ta' Marzu, 1996, mehmuza mal-imsemmija Dikjarazzjoni [pagna 4 tal-process] issemmi "*work done on flat 4, Mary Rose Court, Triq ir-Ramel, St. Paul's Bay*";

Illi, min-naha taghhom, l-imharrkin, fin-Nota u kif ukoll fid-Dikjarazzjoni taghhom, isemmu xoghlijiet maghmulin mill-attur f'post taghhom. Jissemma wkoll perit li ra u qies il kwalita' tax-xoghol maghmul, liema fatt juri li x-xoghlijiet kienu marbuta mal-–istruttura tal-bini tal-imharrkin;

Illi l-imharrek, tela' jixhed minn rajh u iddikjara li mhux debitur tal-atturi [pagna 15 tal-process];

Illi, fis-sewwa, ma jistax jinghad li dak li xehed l-imharrek huwa l-gurament mahsub fl-artikolu 2160(1) tal-Kodici Civili ukoll minhabba fatt li l-imharrek ghazel li jitla' jixhed minn rajh u ma ttellax jixhed mill-atturi [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tal-**14 ta' Marzu, 1964**, fil-kawza fl-ismijiet *Giuseppe Schembri vs Giuseppe Grima* (Kollez. Vol: **XLVIII.i.702**)]. Izda d-dikjarazzjoni kategorika tieghu fis-sens li huwa mhux debitur tal-atturi, marbuta mal-eccezzjoni preskrittiva mressqa, ghalqet lill-atturi l-possibilita' li jitolbu minghandu tifsiriet jew xhieda dwar fatti ohrajn [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-**8 ta' Marzu, 1978**, fil-kawza fl-ismijiet *Tabib Ewlieni tal-Gvern vs Giorgina Muscat*];

Illi, madankolu, fl-istess sentenza l-ahhar imsemmija jinghad ukoll li l-kreditur mhux mizmum milli jaghzel li jressaq provi u mezzi ohrajn li bihom jipprova jxejjen l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jew li jipprova li l-preskrizzjoni mressqa ma tapplikax ghal kaz, imbasta dan isir **qabel** ma jkun inghata l- gurament lill-imharrek;

Illi, f'dan il-kaz, l-atturi ma ressqux provi wara li l-imharrkin eccepew il-preskrizzjoni, izda mal-Att tac-Citazzjoni hemzu kopja ta' dokument iffirmat mill-partijiet u datat 5 ta' Marzu, 1996, fejn jinghad, fost l-ohrajn, li l-atturi thallsu dak inhar stess mitt lira (Lm100) akkont minn somma akbar ta' tlettax-il mitt lira (Lm1,300);

Illi l-preskrizzjoni mressqa mill-imharrkin hija dik imsemmija fl-artikolu 2148 tal-Kodici Civili, li hija wahda mill-preskrizzjonijiet meqjusa bhala "qosra", izda l-atturi ma jghidux taht liema wahda mill-paragrafi tal-imsemmi artikolu qeghdin iressqu tali eccezzjoni;

Illi, minn dak li ssemma izjed 'il fuq, jidher li l-imharrkin qeghdin jirreferu ghall-paragrafu (a) tal-imsemmi artikolu;

Illi ghalkemm l-imharrek itenni li mhux debitur tal-atturi, u ghaliex illimita ruhu li jixhed dan biss, bl-ebda mod ma cahad li d-dikjarazzjoni li tinsab f'pagna 4 tal-process ma saritx minnu jew ghandha xi stqarrija li ma taqbilx mas-sewwa;

Illi l-Qorti ma tistax tinjora l-imsemmi dokument, specjalment fid-dawl tal-eccezzjoni taht esami u b'zieda ma' dak li jipprovdi l-artikolu 2151(2) tal-Kodici Civili, li ghalih, l-artikolu 2148 huwa suggett;

Illi dan kollu qieghed jinghad fil-parametri stretti tal-eccezzjoni taht esami u bla ebda stqarrija tat-talba tal-atturi fil-mertu. Anzi, b'zieda ma' dan u ghal-finijiet tal-artikolu 2111 tal-Kodici Civili, jinghad li din il-Qorti qeghda tipprova tkun skrupolozament attenta li ma tmurx lil hinn milli tqis l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif imtellgha mill-imharrkin biex b'hekk ma tkunx qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjativa [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-**11 ta' Mejju, 1956**, fil-kawza fl-ismijiet *Ruggiero Cali' vs George Galea* (Kollez. Vol: **XL.i.166**)];

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-att tac-Citazzjoni tressaq fis-27 ta' Novembru, 2000, filwaqt li d-dokument iffirmat bejn il-partijiet sar fil-5 ta' Marzu, 1996. Dan iwassal lill-Qorti biex tifhem li, ghall-finijiet tal-artikolu 2151 (2) tal-Kap 16, iz-zmien preskrittiv li seta' jitfi t-talba tal-attrici m'huwiex dak imsemmi mill-imharrkin mizzewgin Bruno, u li, fil-fehma tal-Qorti, l-azzjoni attrici saret f'waqtha;

Ghal dawn ir-ragunijiet, ghalhekk, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi **tichad bhala mhux misthoqqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-imharrkin mizzewgin Bruno**, bi spejjez taghhom, u tordna li l-kawza tissokta bis-smigh tal-provi fil-mertu.

*5 ta' Lulju, 2001.*

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**5 ta' Lulju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Lulju, 2001.**